MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 12/2000/1

Joseph u Giorgina konjugi Azzopardi

vs

George Attard

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:

Illi huma proprjetarji tal-fond jismu ‘Munita’ fi Triq Wied Sara, Victoria, Ghawdex, adjacenti ghall-fond tal-konvenut li huwa bini bla numru u bla isem fl-istess triq;

Illi fil-fond tieghu l-konvenut qed jezercita l-mestjier ta’ mastrudaxxa u bhala konsegwenza, minbarra l-istorbju tal-muturi li juza fil-kors tax-xoghol tieghu qed jezercita l-

‘spray painting’ li qed jikkagunaw ‘fumes” u rwejjah li huma ta’ hsara ghas-sahha ta’ l-atturi u tal-familjari taghhom;

Illi ghalhekk ix-xoghol ta’ mastrudaxxa, ‘spray painting’ ezercitat mill-konvenut fil-fond imsemmi, huwa ta’ pregudizzju ghall-atturi;

Talbu, ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara li x-xoghol ta’ mastrudaxxa u ‘spray painting’ esegwit mill-konvenut fil-fond tieghu fuq imsemmi huwa ta’ pregudizzju ghas-sahha ta’ l-atturi u l-familjari taghhom;

2. konsegwentement tinibixxi lill-konvenut milli personalment jew permezz ta’ terzi jaghmel xoghol ta’ mastrudaxxa u ‘spray painting’ fil-fond fuq imsemmi;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni fl-ismijiet premessi kollha kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-atturi annessa l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut George Attard li eccepixxa:

1. li preliminarjament in-nullita’ tac-citazzjoni stante illi s-sede ta’ dina l-Qorti m’hijiex indikata fic-citazzjoni ta’ l-atturi;

2. li oltre dan u in linea preliminari wkoll in-nullita’ tac-citazzjoni stante illi l-ewwel talba ta’ l-atturi ma taghmel l-ebda sens kif ukoll bl-ebda mod ma treggi mill-premessi pprezentati mill-atturi fic-citazzjoni taghhom;

3. li t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-konvenut George Attard bl-ebda mod m’hu qed jaghmel xi xoghlijiet li ma kienx qed jaghmel fl-ahhar snin fil-fond tieghu;

4. li l-attur qieghed biss jaghmel din il-kawza frott il-pika u peress li dan l-ahhar nqalghet kwistjoni bejn il-partijiet dwar il-hajt divizorju li jifred il-gnien tal-konvenut minn dak ta' l-atturi;

5. li oltre dan kollu x-xoghol li qed isir mill-konvenut bl-ebda mod ma qed jikkawza xi pregudizzji lill-atturi u wisq aktar 'ghax-xoghol tal-konvenut'.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu annessa l-lista tax-xhieda.

Rat il-korrezzjonijiet awtorizzati mitluba mill-atturi u r-rinunzja mill-konvenut ghall-ewwel u t-tieni eccezzjoni;

Ezaminat ix-xhieda u rat l-attijiet u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-atturi ntavolaw l-odjerni proceduri bil-fini li jwaqqfu lill-konvenut milli jkompli jimmolestahom permezz ta' hsejjes, dhahen u irwejjah bi pregudizzju ghal sahhithom u dik tal-familjari taghhom. Huwa fatt inkonfutat li l-konvenut fi zminijiet precedenti c-citazzjoni u oltre kien jopera hanut ta' mastrudaxxa mill-garaxx tal-fond tieghu adjacenti ghall-fond tal-atturi. Esebiti fl-atti hemm sensiela ta' rapporti li l-atturi ghamlu mal-pulizija u hemm ukoll xhieda tal-pulizija li tistqarr dwar il-hsejjes lamentati. A propositu ta' l-istess hsejjes jirrizulta mill-provi li ghalkemm ma kienux qawwija kienu pero' persistenti.

Illi huwa pacifiku li kull persuna ghandha d-dritt li tgawdi l-proprjeta' taghha bl-aktar mod assolut fil-limiti pero' li b'tali tgawdija ma jaghmilx uzu pprojibit mil-ligi. Li tindraprendi xoghol ta' mastrudaxxa minghajr il-permessi opportuni u ddejjaq lill-garr bi hsejjes persistenti ta' makkinarju kbir u rwejjah kagunati minn lustrar m'huwiex permess u lanqas ghandu jigi tollerat.

Illi l-fatt li l-attur f'wahda mill-ahhar udjenzi ddikjara li l-konvenut m'ghadux jaghmel xoghol ta' mastrudaxxa fil-garage tieghu b'dan illi l-meritu huwa illum ezawrit u l-kwistjoni hija biss fuq il-kap ta' l-ispejjez, ma jezonerahx mir-responsabiltajiet tieghu u ghandu ghalhekk jissokkombi ghall-hlas ta' dawn l-ispejjez.

Ghalhekk, taqta', tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi waqt li tiddikjara meritu ezawrit u tieqaf milli tiehu aktar konjizzjoni tieghu, tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' l-ispejjez kollha konnessi ma' din il-kawza.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------